

Brussell, 6 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10152/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0159 (NLE)

ECOFIN 638
CADREFIN 333
UEM 173
FIN 514

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17-75.

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 ħalliet impatt li fixkel l-ekonomija tal-Greċja. Fl-2019, il-prodott domestiku gross (PDG) *per capita* bil-prezzijiet attwali tal-Greċja kien ta' 55 % tal-medja tal-Unjoni. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni, il-PDG reali tal-Greċja naqas bi 8,2 % fl-2020 u huwa mistenni li jonqos b'4,5 % b'mod kumulattiv fl-2020 u l-2021. Aspetti fit-tul b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu b'mod partikolari l-livell għoli ta' qgħad fit-tul, tkabbir baxx fil-produttività minħabba konċentrazzjoni ta' attività ekonomika f'setturi tradizzjonali u ta' innovazzjoni baxxa. Barra minn hekk, piżijiet regolatorji għoljin, burokrazija u sistema ġudizzjarja bil-mod u ineffiċjenti jfixxlu l-investimenti privati.

- (2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet lil Greċja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, fl-2019, il-Kunsill irrakkomanda lill-Greċja biex tieħu azzjoni fl-2019 u l-2020 biex (a) tikseb irkupru ekonomiku sostenibbli u tindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi billi tkompli u tlesti r-riformi f'konformità mal-impenji ta' wara l-programm li saru fil-laqgħa tal-Grupp tal-Euro fit-22 ta' Ġunju 2018 (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 tal-2019)¹; u biex (b) tiffoka l-politika ekonomika, marbuta mal-investment, fuq it-trasport u l-loġistika sostenibbli, il-ħarsien ambjentali, l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli u l-proġetti ta' interkonnessjoni, it-teknoloġiji diġitali, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-edukazzjoni, il-ħiliet, l-impjegabbiltà, is-saħħa, u t-tiġdid ta' żoni urbani, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-inklużjoni soċjali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika tal-Pajjiż 2 tal-2019). Fl-2020, il-Kunsill irrakkomanda lill-Greċja biex tieħu azzjoni fl-2020 u l-2021 biex (a) tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru sussegwenti f'konformità mal-“klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir; meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali li għandhom l-għan li jiksibu pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u tiżgura s-sostenibbiltà fejn jidħol id-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investment; issaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa u tiżgura aċċess adegwat u ugwali għall-kura tas-saħħa (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 tal-2020); (b); ittaffi l-impatti soċjali u tal-impjiegi tal-kriżi, inkluż bl-implimentazzjoni ta' miżuri bħal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u l-iżgurar ta' appoġġ effettiv għall-attivazzjoni (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 tal-2020);

¹ Dawn l-impenji ta' politika jappartjenu għal riformi strutturali mibdiya bil-programmi ta' aġġustament ekonomiku biex jittejjeb il-funzjonament tal-ekonomija Griega u huma skedati fuq perjodu li jntemm f'nofs l-2022. Dawn huma mmonitorjati taħt sorveljanza msaħħa u r-reviżjonijiet tal-progress ta' kull tliet xhur tagħhom u, b'mod partikolari, jiffukaw fuq (a) politiki fiskali u fiskali-strutturali; (b) il-benesseri soċjali; (c) l-istabbiltà finanzjarja; (d) is-swieq tax-xogħol u tal-prodotti; (e) il-Korporazzjoni Ellenika tal-Assi u l-Parteċipazzjonijiet u l-privatizzazzjoni; u (f) l-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika.

(c) li timplimenta malajr miżuri biex tipprowdi likwidità u fluss kontinwu ta' kreditu u ta' finanzjament ieħor għall-ekonomija, filwaqt li tiffoka b'mod partikolari fuq impriżi żgħar u ta' daqs medju li huma l-aktar milqutin mill-kriżi; tixħet fuq quddiem proġetti maturi ta' investiment pubbliku u tippromwovi l-investiment privat biex jiġu mbuttati 'il quddiem l-irkupru ekonomiku. tiffoka investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq trasport u loġistika sikuri u sostenibbli, il-produzzjoni u l-użu ta' enerġija nodfa u effiċjenti, l-infrastrutturi ambjentali u kapaċità għolja ħafna ta' infrastruttura u kompetenzi diġitali. ittejjeb l-effettività u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tippromwovi t-trasformazzjoni diġitali tan-negozji (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2020); u (d) li jitkomplew u jitlestew ir-riformi f'konformità mal-impenji ta' wara l-programm li saru fil-laqgħa tal-Grupp tal-Euro fit-22 ta' Ġunju 2018 biex jerġa' jinbenda rkupru ekonomiku sostenibbli, wara t-tnaqqis gradwali tar-restrizzjonijiet imposti minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19 (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2020). Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ('RRP'), il-Kummissjoni ssib li nkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-indirizzar effettiv tal-pandemija, inkluż bl-implimentazzjoni ta' miżuri bħal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u l-ġoti ta' likwidità lil kumpaniji affettwati, kif ukoll fir-rigward tar-rakkomandazzjoni biex jitkomplew u jitlestew ir-riformi f'konformità mal-impenji ta' wara l-programm li saru fil-laqgħa tal-Grupp tal-Euro fit-22 ta' Ġunju 2018.

- (3) Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat reviżjoni fil-fond għall-Greċja skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Greċja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi, b'mod partikolari relatati ma' dejn għoli tal-gvern, riekwilibriju estern mhux komplut u self improduktiv għoli, f'kuntest ta' qgħad għoli u tkabbir potenzjali baxx.
- (4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro rrakkomanda li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-RRPs tagħhom, biex, fost l-oħrajn, jiżguraw pożizzjoni ta' politika li tappoġġa l-irkupru u biex ikomplu jtejbu l-konverġenza, ir-reżiljenza u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill irrakkomandat ukoll li l-Istati Membri taż-Żona tal-Eurojsaħħu l-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, jiżguraw l-istabbiltà makrofinanzjarja u jikkompletaw l-unjoni ekonomika u monetarja u jsaħħu r-rwol internazzjonali tal-euro.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25)

- (5) Fis-27 ta' April 2021, il-Greċja ppreżentat L-RRP nazzjonali tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Din il-preżentazzjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sjieda nazzjonali tal-RRP tinfed l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u l-impatt dejjiemi fil-livell nazzjonali u l-kredibbiltà fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP f'konformità mal-linji gwida dwar l-evalwazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.
- (6) L-RRPs jenħtieġ li jsegwu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/241 ("il-Faċilità") u tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094¹ sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Huma jenħtieġ li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241(7).

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I , 22.12.2020, p. 23.)

- (7) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri ser tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li jinvolti riformi u investimenti fl-Unjoni kollha. Permezz tal-implimentazzjoni kkoordinata u simultanja u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera u multinazzjonali, tali riformi u investimenti ser isaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi fl-Unjoni kollha. Għalhekk, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Istati Membri ser jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (7) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(a) u mal-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, L-RRP jirrappreżenta fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha kemm huma msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi li jhkun qed jiffaċċja l-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih kif ukoll is-sostenn fuq is-self mitlub.

- (8) L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241 jipprevedi li l-ambitu ta' applikazzjoni tal-Faċilità jenħtieġ li jirreferi għal oqsma ta' politika ta' rilevanza Ewropea strutturati f'sitt pilastr: (a) it-tranżizzjoni ekoloġika; (b) it-trasformazzjoni diġitali; (c) it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, inklużi l-koeżjoni ekonomika, l-impjiegi, il-produttività, il-kompetittività, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u suq intern li jiffunzjona tajjeb intrapriżi żgħar u medji ("SMEs") b'saħħithom; (d) il-koeżjoni soċjali u territorjali; (e) is-saħħa, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, bl-għan li, *inter alia*, tiżdied il-kapaċità ta' tħejjija għall-kriżijiet u ta' reazzjoni għall-kriżijiet; u (f) il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażaġh, bħall-edukazzjoni u l-ħiliet. Ir-riformi u l-investimenti inklużi fl-RRP jikkontribwixxu għas-sitt pilastr kollha msemmija qabel. Barra minn hekk, hemm bilanċ kumplessiv bejn il-pilastr (c), (d), (e) u (f). Għalhekk, L-RRP jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Greċja.

- (9) B'mod aktar speċifiku, fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika, L-RRP jinkludi miżuri maħsuba biex iċaqilqu lill-Greċja lejn mudell tal-enerġija b'livell baxx ta' karbonju, inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, iżidu s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, jippromwovu l-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini, jintroduċu modi ta' trasport sostenibbli u jipproteġu l-ambjent naturali. Ir-riformi u l-investimenti fit-trasformazzjoni diġitali huma relatati mat-tisħiħ tal-konnettività u l-kopertura tal-broadband, id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u setturi ewlenin tal-ekonomija, u l-iżvilupp ta' infrastrutturi diġitali u ħliet diġitali. Sabiex jiġi sostnut it-tkabbir intelliġenti u inklużiv, L-RRP jipprevedi miżuri li jsaħħu l-investimenti privati (inkluż għall-SMEs), itejbu l-ambjent tan-negozju, jistimulaw il-prestazzjoni tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, iżidu l-impjiegi u jorbtu l-ħliet mal-impjiegi, u jtejbu l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-sistema ġudizzjarja. Barra minn hekk, l-interventi mmirati huma mfassla biex isaħħu l-koeżjoni soċjali billi jindirizzaw l-isfidi relatati mal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-iżvilupp tal-ħliet, u l-opportunitajiet indaqs, filwaqt li għadd ta' investimenti jiffaċilitaw il-koeżjoni territorjali. Barra minn hekk, biex jittaffew ix-xokkijiet negattivi u jkun hemm reazzjoni aħjar għall-kriżijiet, L-RRP fih azzjonijiet biex jiġu indirizzati kwistjonijiet li ilhom jeżistu tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali (reżiljenza soċjali), titrawwem is-sostenibbiltà tad-dħul pubbliku, ir-reżiljenza tas-settur finanzjarju, u d-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika (reżiljenza ekonomika), u tiġi żgurata amministrazzjoni pubblika effiċjenti u governanza tajba (reżiljenza istituzzjonali). Fir-rigward tal-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, ir-riformi u l-investimenti fil-livelli kollha tal-edukazzjoni għandhom l-għan li jiddiġitalizzaw il-proċessi u l-infrastrutturi, u jiżviluppaw il-ħliet għaż-żgħażagħ, filwaqt li miżuri oħra jiffukaw fuq l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal.

- (10) Il-Greċja għandha l-għan li tippromwovi l-investimenti privati, permezz ta' "faċilità ta' self" li għandha tagħmel użu mill-kanali ta' distribuzzjoni li ġejjin: (a) istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, permezz ta' ftehimiet operazzjonali; (b) banek kummerċjali, permezz ta' sejħa miftuħa għall-għażla; (c) pjattaforma ta' ekwità, permezz ta' ftehim ta' mandat; u (d) il-kompartiment nazzjonali tal-InvestEU, permezz ta' ftehim ta' kontribuzzjoni. Il-ftehimiet imsemmija hawn fuq u s-sejħa għall-għażla tal-banek kummerċjali jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-kriterji tal-għażla ta' kumpaniji appoġġati għall-konformità mar-Regolament (UE) Nru 2021/241 u l-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat "Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' "ma tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza." mill-Kummissjoni " Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' "ma tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza"¹ (il-gwida teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti"), li jirrikjedu l-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni, kontrolli tal-konformità legali obbligatorji għal tranżazzjonijiet eżentati minn prova tas-sostenibbiltà minn awditur indipendenti u għażla ta' attivitajiet f'konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali. L-impenn għall-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-banek kummerċjali, u InvestEU biex jinvestu fondi biex jappoġġaw it-tranżizzjoni klimatika u diġitali jenħtieġ li jitwettaq bl-użu tal-metodoloġija fl-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li l-awdituri indipendenti jenħtieġ li jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju la tagħmilx ħsara sinifikanti u mal-miri klimatiċi u diġitali skont ir-Regolament (UE) 2021/241.

¹ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(b) u mal-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP hu mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom (Klassifikazzjoni A), identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Greċja inklużi l-aspetti fiskali u r-rakkomandazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fejn xieraq, indirizzati jew sfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew; Fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 tal-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2020, il-politiki segwiti biex jindirizzaw l-impenji speċifiċi li saru mill-Greċja fil-laqgħa tal-Grupp tal-Euro fit-22 ta' Ġunju 2018 għandhom ikomplu jiġu mmonitorjati taħt sorveljanza msaħħa.
- (12) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-RRP tal-Greċja. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-klawsola ta' pajsaġġ ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku relatat, il-Greċja adottat miżuri baġitarji biex issaħħaħ il-kapaċità tas-sistema tas-saħħa tagħha, trażżan il-pandemija u tipprovdi għajjuna lil daww l-individwi u s-setturi li ġew affettwati b'mod partikolari. Din ir-reazzjoni politika qawwija taffiet it-tnaqqis fil-PDG, li min-naħa tiegħu, naqqas iż-żieda fid-defiċit tal-gvern u d-dejn pubbliku.¹

¹ Ir-Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li twassal opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Greċja għall-2021.

- (13) L-RRP jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Greċja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi; l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa; il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol; il-politiki li jappoġġaw l-investimenti pubbliċi u privati fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-ħiliet u l-impjegabbiltà; ir-riċerka u l-iżvilupp; trasport u loġistika sikuri u sostenibbli, produzzjoni u użu nadif u effiċjenti tal-enerġija, inkluż l-enerġija rinnovabbli u proġetti ta' interkonnessjoni; infrastrutturi ambjentali; tiġdid ta' oqsma urbani; u t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika u tan-negozji. Il-pjan jinkludi wkoll għadd sinifikanti ta' miżuri li jindirizzaw l-isfidi fl-oqsma tal-politiki strutturali fiskali, il-benesseri soċjali, l-istabbiltà finanzjarja, is-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, is-segwitu, it-twessigħ u l-ikkomplimentar tal-impenji ta' wara l-programm. Minħabba l-enfasi qawwija tiegħu fuq l-investment, l-impjiegi u l-politiki li jtejbju l-produttività, l-implimentazzjoni tal-pjan hija mistennija li tappoġġa l-irkupru ekonomiku u b'hekk dan jikkontribwixxi għall-kisba ta' pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju u jiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn f'konformità mar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż rilevanti (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 tal-2020). Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol proposti huma diversi u mmirati lejn gruppi li jeħtieġu appoġġ, bil-għan li jinħolqu l-impjiegi filwaqt li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 tal-2020). L-RRP jinkludi miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi sinifikanti li jikkonċernaw is-sistema edukattiva Griega u jipprevedi investment imdaqqas fil-ħiliet permezz tat-tagħlim tul il-ħajja, b'enfasi kbira fuq it-trasformazzjoni diġitali fiż-żewġ segmenti tal-edukazzjoni (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 tal-2019). Qed ikunu ppreżentati miżuri mmirati biex jappoġġaw l-integrazzjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli, inklużi l-persuni b'diżabilità u l-persuni mingħajr dar, ir-Rom u l-persuni li jgħixu f'faqar estrem, filwaqt li hemm għadd ta' miżuri li jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 tal-2020).

- (14) L-RRP jipprevedi l-antiċipazzjoni tal-implimentazzjoni ta' proġetti ta' investiment pubbliku maturi u l-promozzjoni ta' investimenti privati f'setturi prijoritarji, inklużi dawk li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, b'miżuri relatati mal-effiċjenza enerġetika, it-trasport sostenibbli, il-protezzjoni ambjentali u t-tiġdid ta' żoni urbani, proporzjonati għall-isfidi relatati f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar l-investiment pubbliku u privat (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 tal-2019). Barra minn hekk, il-pjan jappoġġa l-indirizzar tal-isfidi relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u n-negozji (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 tal-2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 tal-2019). Il-pjan jibni fuq ir-riformi strutturali ewlenin mibdiya taħt il-programmi ta' aġġustament ekonomiku u jikkomplementahom biex itejjeb il-funzjonament usa' tal-ekonomija u li bħalissa huma mmonitorjati skont il-qafas ta' sorveljanza msaħħa. L-RRP jipproponi riformi ambizzjużi tal-ambjent tan-negozju, is-suq tax-xogħol u l-politiki soċjali, is-sistema tal-kura tas-saħħa u l-amministrazzjoni pubblika, inklużi l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġustizzja. Dawn ir-riformi huma akkumpanjati minn investimenti li jappoġġaw l-implimentazzjoni u l-funzjonament tagħhom (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 tal-2019).

- (15) Bl-indirizzar tal-isfidi li jissemmew hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-RRP mistennija li tikkontribwixxi wkoll biex tikkoreġi l-iżbilanċi makroekonomiċi li qed tesperjenza l-Greċja kif identifikati fir-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019 u 2020, b'mod partikolari fir-rigward ta' dejn għoli tal-gvern, riekwilibriju estern mhux komplut u self improduttiv għoli, f'kuntest ta' qgħad għoli u tkabbir potenzjali baxx.

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(c) u mal-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt qawwi (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Greċja, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq it-taffija tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.

- (17) Simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandu l-potenzjal li jżid il-PDG tal-Greċja b'bejn 2,1 u 3,3 % sal-2026, mingħajr l-inklużjoni tal-possibbiltà ta' impatt pożittiv tar-riformi strutturali, li jista' jkun wieħed sostanzjali. L-RRP jibni fuq u huwa konsistenti mal-“Pjan ta' Żvilupp għall-Ekonomija Griega” komprensiv, ippubblikat f'Novembru 2020. Bħala tali, huwa jindirizza l-ostakli ewlenin li jaffettwaw it-tkabbir fit-tul fil-Greċja, b'mod partikolari d-distakk imdaqqas fl-investiment u l-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni, kif ukoll l-effiċjenza u l-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika u tas-sistema tal-ġustizzja. L-implimentazzjoni tal-politiki attivi ppjanati tas-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet għandhom il-potenzjal li jżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-impjiegi, inkluż dak tan-nisa.
- (18) Bosta miżuri huma mistennija li jżidu l-produttività tal-ekonomija. Xi riformi għandhom l-għan li jtejbu l-ambjent tan-negozju u li jgħinu fil-faċilità biex isir in-negozju, li huwa kkumplementat minn avvanzi fid-diġitalizzazzjoni. L-amministrazzjoni pubblika hija mistennija li tiġi modernizzata u l-piż regolatorju u amministrattiv huwa mistenni li jitnaqqas, filwaqt li t-titjib fl-amministrazzjoni tat-taxxa għandu jgħin biex jinholq ambjent tat-taxxa li jiffavorixxi aktar it-tkabbir. L-RRP jinkludi aġenda ambizzjuża biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja permezz tad-diġitalizzazzjoni, ir-reviżjoni tal-mapep ġudizzjarji, u proġetti li jinvestu fil-kapital fiżiku u uman. Barra minn hekk, fondi addizzjonali pprovduti lis-settur privat permezz tal-Faċilità ta' Self huma mistennija li jwasslu għal investiment privat.

- (19) L-RRP jippreżenta sett komprensiv ta' miżuri biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u biex titjieb il-koeżjoni soċjali. Dawn il-miżuri huma mistennija li jibnu l-kapaċitajiet tal-istituzzjonijiet tal-impjiegi u soċjali. Ir-reviżjoni tal-kodiċi tax-xogħol, u t-titjib fl-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika bis-saħħa tad-diġitalizzazzjoni u monitoraġġ aħjar tas-suq tax-xogħol huma mistennija wkoll li jnaqqsu l-vulnerabbiltajiet għax-xokkijiet. Barra minn hekk, dawn il-miżuri huma mistennija li jikkontribwixxu għall-koeżjoni billi jrawmu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż għal gruppi vulnerabbli.
- (20) L-implimentazzjoni tal-RRP mistennija li tikkontribwixxi b'mod effettiv biex jiġu indirizzati għadd kbir ta' sfidi soċjali u tal-impjiegi rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Biex jitrawmu opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol, L-RRP jipprevedi strateġija ġdida għat-tagħlim tul il-ħajja u modernizzazzjoni tas-sistema ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid. Ir-riforma tfassal mill-ġdid u taġġorna l-programmi frammentati attwali, tistabbilixxi kurrikuli ġodda marbuta mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u qafas ta' valutazzjoni għall-fornituri ta' programmi ta' titjib tal-ħiliet. Huma previsti wkoll investimenti f'titjib ulterjuri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Bil-ħsieb li ttejjeb id-dinamika tas-suq tax-xogħol, il-Greċja qed tippjana wkoll investimenti sinifikanti fi programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(d) u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inkluża fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali (Klassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (22) Għal kull waħda mill-miżuri, l-RRP jiżgura li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lil xi wieħed mis-sitt oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, jiġifieri l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi. Il-Greċja pprovdiet ġustifikazzjonijiet skont il-gwida teknika “la tagħmilx ħsara sinifikanti”. Fejn meħtieġ, il-Greċja pproponiet l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni biex tiżgura li tiġi evitata ħsara sinifikanti, li jenħtieġ li tiġi żgurata permezz tal-istadji importanti u l-miri rilevanti.

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- (23) Tingħata attenzjoni partikolari lil skemi orizzontali, inkluż l-użu tas-self mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, fejn ir-rekwiżiti għall-konformità mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" huma minqax fit-tfassil tal-iskemi u speċifikati fi stadju importanti jew mira relatata ma' dawn il-miżuri.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (24) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(e) u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira jikkontribwixxu (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 37,5 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima għall-2030.
- (25) Ir-riformi u l-investimenti huma mistennija li jagħtu kontribut sinifikanti biex javvanzaw l-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Greċja kif stabbiliti fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (National Energy and Climate Plan) u l-Pjan Direzzjonali 2050 għan-Newtralità tal-Karbonju, u b'hekk jikkontribwixxu għall-mira klimatika u l-oġettivi ambjentali tal-Unjoni. Għadd ta' investimenti li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika huma inkorporati fi pjanijiet nazzjonali usa', bħall-istrategġija ta' rinnovazzjoni fit-tul, l-istrategġija għall-ġestjoni tal-iskart, ir-riforestazzjoni, l-ekonomija ċirkolari u l-bijodiversità, u huma mistennija lejn l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrategġiji.

- (26) L-RRP fih miżuri li jindirizzaw għadd ta' sfidi fl-oqsma ta' tranżizzjoni ekoloġika. Dwar l-enerġija nadifa, L-RRP fih kemm riformi kif ukoll investimenti li huma mistennija li jżidu s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tal-Greċja. Huma ppjanati investimenti kbar li huma mistennija jtejbu l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tad-djar tal-Greċja li qed jiqdiem, ikkumplimentati minn azzjonijiet immirati lejn unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku. Kontribuzzjonijiet klimatiċi u ambjentali sinifikanti oħra huma pprovduti minn miżuri li jappoġġaw il-mobilità sostenibbli kemm permezz ta' riformi kif ukoll permezz ta' investimenti li huma mistennija jtejbu t-trasport pubbliku urban u jtejbu l-infrastruttura għall-vetturi elettriċi. L-RRP fih investimenti li huma mistennija jappoġġaw il-bijodiversità, permezz ta' rifořestazzjoni li għandha l-għan li tirrestawra l-ekosistemi tal-foresti degradati, u t-tiřih tal-protezzjoni ambjentali permezz tal-introduzzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ tat-tipi ta' speċijiet u habitats. L-RRP jinkludi investimenti fl-agrikoltura sostenibbli li huma mistennija jippromwovu l-innovazzjoni u jipproteġu l-ambjent permezz tat-titjib tal-profil ambjentali tal-azjendi agrikoli u jtaffu l-effetti tat-tibdil fil-klima. Fl-aħħar nett, il-Faċilità ta' Self għandha tindirizza attivitajiet relatati mal-klima f'għadd magħżul ta' oqsma ta' intervent, bħall-effiċjenza enerġetika u proġetti ta' dimostrazzjoni għas-settur privat bi ffrankar sinifikanti ta' enerġija jew bi tnaqqis sinifikanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, kapaċità ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli ġodda (solari u tar-riħ) u sistemi intelliġenti tal-enerġija.

- (27) Dwar l-objettivi ambjentali kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2020/852, ilRRP jinkludi miżuri dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima li huma mistennija li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, prinċipalment permezz tat-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika tal-bini. L-RRP jinkludi għadd ta' miżuri relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża t-tħejjija ta' pjanijiet urbani lokali li huma mistennija jiffaċilitaw it-tiġdid urban u jagħmlu l-bliet aktar reżiljenti għall-klima u jsaħħu l-infrastruttura għall-mitigazzjoni tal-għargħar. Barra minn hekk, il-miżuri dwar il-provvista tal-ilma u l-ilma urban mormi huma marbuta ma' miri speċifiċi li huma mistennija li jnaqqsu t-tnixxija tal-ilma u l-konsum tal-enerġija, u b'hekk jikkontribwixxu għal użu aktar sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-bijodiversità, l-RRP ikopri miżura ta' rifestazzjoni li hija mistennija żżid iż-żona koperta mill-foresti b' 16 500 ettaru bl-użu ta' speċijiet l-aktar indiġeni.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (28) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(f) u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP fih miżuri li mistennija li effettivament jikkontribwixxu effettivament b'mod wiesa' (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 23,3 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (29) L-RRP fih miżuri fl-oqsma ta' tranżizzjoni diġitali, li jindirizzaw l-isfidi relatati u huwa ġeneralment allinjat sew mal-oġġettivi ewlenin tal-Istrateġija Diġitali tal-Unjoni u mal-prijoritajiet relatati mad-diġitali stabbiliti mill-Kummissjoni fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2021. Dawn jikkonċernaw il-konnettività, l-interoperabbiltà fit-tfassil tas-servizzi pubbliċi, iċ-ċibersigurtà, l-intelliġenza artifiċjali, l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, id-disponibbiltà tad-*data* miftuħa u t-tishħ tal-pożizzjoni u l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa, tal-anzjani u tal-gruppi vulnerabbli fl-era diġitali. Il-Komponent 2.1 tal-RRP fih investimenti biex tiġi ffaċilitata l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-fibra ottika fil-bini, l-iżvilupp ta' networks 5G li jkopru l-awtostradi Griegi ewlenin kollha, l-użu ta' kejbils sottomarini għall-interkonnessjoni tal-gżejjer Griegi u l-interkonnessjoni ma' Ċipru u l-użu ta' teknoloġiji u applikazzjonijiet spazjali. Ir-riformi jistabbilixxu l-qafas meħtieġ biex tiġi ffaċilitata l-bidla għal konnessjonijiet broadband veloċi u t-tranżizzjoni għat-teknoloġija 5G. Il-miżuri fil-Komponent 2.2 għandhom fil-mira t-trasformazzjoni diġitali tal-entitajiet tas-settur pubbliku (arkivji u servizzi diġitali mtejbja), it-titjib fil-proċess tan-negozju, iż-żieda fl-interoperabbiltà bejn is-sistemi u d-*data*, l-istrateġiji u l-politiki dwar iċ-ċibersigurtà u l-governanza tad-*data* kif ukoll l-użu estż ta' teknoloġiji avvanzati bħall-cloud computing u l-big data. Il-Komponent 2.3, flimkien mal-miżuri fil-Komponent 4.1, għandu l-għan li jagħti spinta lill-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali min-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, billi jindirizza l-isfidi ewlenin fir-rigward tal-inklużjoni diġitali. Dawn l-inizjattivi huma mistennija li jippermettu l-ħolqien tal-ekosistema tan-negozju diġitali u jappoġġaw lill-SMEs biex jiksbu servizzi diġitali, pjattaformi u spazji tad-*data*, u reġistri tal-flus tat-teknoloġija ġdida u terminals Point-Of-Sale (POS).

Flimkien ma' miżuri oħra fil-Komponenti 4.1 u 4.6, il-miżuri fil-Komponent 2.3 huma mistennija li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali tal-industrija Griega, li jaçcelleraw it-tranżizzjoni tagħha għall-Industrija 4.0, u li jittrasformaw il-mudelli kummerċjali tad-ditti biex iżidu l-kompetittività u r-reżiljenza tagħhom. L-RRP jinkludi wkoll, fil-Komponent 3.2, miżuri mmirati biex inaqqsu d-distakk diġitali attwali fid-dimensjoni tal-kapital uman, billi jimmodernizzaw u jaġġornaw is-sistema tat-tagħlim tul il-ħajja u billi jipprovdu tiġib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għall-forza tax-xogħol li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq, b'enfasi fuq il-ħiliet diġitali. Miżuri bħal dawn huma mistennija li jikkontribwixxu biex jitnaqqas id-distakk diġitali u biex jissaħħaħ il-litteriżmu diġitali bażiku madwar il-popolazzjoni kollha. Fl-aħħar nett, il-Faċilità ta' Self jenħtieġ li timmira attivitajiet relatati mas-settur diġitali f'għadd ta' oqsma ta' intervent, b'mod partikolari permezz ta' investimenti f'networks tal-broadband b'kapaċità għolja ħafna, investimenti mmirati lejn id-diġitalizzazzjoni kemm tal-SMEs kif ukoll tal-intrapriżi l-kbar, investimenti fl-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji taç-çibersigurtà, teknoloġiji diġitali avvanzati u tipi oħra ta' infrastruttura tal-ICT.

- (30) Il-miżuri tal-RRP relatati mat-tranżizzjoni diġitali jidhru allinjati sew man-nuqqasijiet tal-Greċja fil-qasam diġitali kif identifikati fl-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (Digital Economy and Society Index, DESI). Dawn il-miżuri huma mistennija li jikkomplementaw b'mod effettiv il-pjanijiet u l-inizjattivi nazzjonali eżistenti u, b'mod ġenerali, li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u s-soċjetà Griega, billi jikkontribwixxu għat-titjib tal-kompetittività u r-reżiljenza tal-ekonomija, filwaqt li jiżguraw l-inklużività. Barra minn hekk, dawn il-miżuri huma mistennija li jgħibu bidla trasformattiva u jkollhom impatt dejjiemi.

Impatt dejjiemi

- (31) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(g) u mal-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu fil-parti l-kbira impatt għat-tul fuq il-Greċja (Klassifikazzjoni A).

- (32) L-RRP jinkludi sensiela ta' riformi li mistennija jwasslu għal bidliet dejjiema fil-politiki u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Riformi biex jittaġġa l-piż amministrattiv fuq in-negozju, u titjeb il-kwalità regolatorja jwasslu għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi għan-negozji u għall-isfruttar tal-potenzjal ta' investiment tal-Greċja. Għal dan il-għan, il-miżuri biex tissaħħaħ is-sorveljanza tas-suq għandhom jiffaċilitaw l-infurzar effettiv tal-politika. Fir-rigward tal-politika tal-enerġija, ir-razzjonalizzazzjoni tal-proċedura ta' liċenzjar għal impjanti ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (renewable energy sources, RES) għandha l-għan li tindirizza ż-żminijiet twal għall-implimentazzjoni tal-RES u tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika tal-Greċja, filwaqt li tirrispetta l-leġiżlazzjoni ambjentali. Ir-riformi fis-settur finanzjarju għandhom l-għan li jtejbu s-self permezz tal-indirizzar tal-asimmetriji tal-informazzjoni u li jsaħħu s-swieq kapitali, u b'hekk iżidu r-reżiljenza ekonomika tal-Greċja għal xokkijiet futuri. Inizjattivi sinifikanti biex tittejjeb is-sistema ta' governanza fil-livelli tal-amministrazzjoni pubblika, l-immodernizzar tal-proċeduri ta' rekrutaġġ tal-persunal u t-tisħiħ tal-akkwist pubbliku nazzjonali u l-oqfsa kontra l-korruzzjoni huma mistennija li jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali inerenti. Riformi sinifikanti tas-sistema ġudizzjarja għandhom l-għan li jimmodernizzaw is-sistema u jżidu l-effiċjenza tagħha, inkluż permezz tar-reviżjoni tal-mappa ġudizzjarja, id-diġitalizzazzjoni u t-titjib tal-ħiliet tal-imħallfin u tal-iskrivani ġudizzjarji.

- (33) L-investimenti inklużi fL-RRP għandhom l-għan li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-isfidi ewlenin identifikati u jidhru sostenibbli minn perspettiva finanzjarja u baġitarja. Huma previsti għadd kbir ta' investimenti fl-infrastruttura diġitali għall-amministrazzjoni pubblika, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak municiipali. Flimkien ma' programm komprensiv ta' simplifikazzjoni tal-proċess, dawn huma mistennija li jwasslu għal bidla strutturali dejjiema fil-funzjonament tal-amministrazzjoni u li jindirizzaw il-livell baxx attwali ta' servizzi pubbliċi diġitali kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji. Barra minn hekk, investimenti diġitali sinifikanti fl-amministrazzjoni tat-taxxa huma mistennija li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa u l-kuntribandu u jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq il-kontribwenti. L-introduzzjoni ta' proċessi u għodod diġitali fis-sistema ġudizzjarja, flimkien mat-taħriġ tal-imħallfin u l-persunal ġudizzjarju jwasslu għal funzjonament aħjar tal-qrati. L-investimenti fl-edukazzjoni, il-benessri soċjali, il-kura tas-saħħa, u s-servizzi tal-impjieg, u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, b'enfasi fuq il-ħiliet ekoloġiċi u diġitali, huma mistennija li jissalvagwardjaw ir-reżiljenza u jtejbu l-kwalità ta' servizzi kritiċi bħal dawn, b'mod inklużiv u sostenibbli. Hemm ipplanati wkoll investimenti sinifikanti biex jiffaċilitaw il-kisba tal-oġettivi fit-tul tal-politiki ambjentali u ta' dekarbonizzazzjoni, inkluż fir-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-bini, proġetti strateġiċi ta' riġenerazzjoni urbana ekoloġika, miżuri ta' riabilitazzjoni tal-art għal żoni affettwati mil-linjite, l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi u miżuri li jappoġġaw ir-riforestazzjoni u l-agrikoltura sostenibbli.
- (34) L-impatt dejjiemi tal-RRP jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn il-pjan u programmi oħra ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea (inklużi l-fondi tal-politika ta' koeżjoni u InvestEU) b'mod partikolari billi jiġi indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali b'għeruw fondi u jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (35) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(h) u mal-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (36) L-RRP jippreżenta sistema ta' kontroll tal-ġestjoni li tinvolvi erba' korpi, li jikkonsistu mill-Aġenzija ta' Koordinazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, is-servizzi kompetenti tal-ministeri kkonċernati, il-korpi ta' implimentazzjoni u l-Kumitat tal-Awditar Finanzjarju (EDEL). Ir-responsabbiltà ġenerali għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ qed tingħata lill-Aġenzija ta' Koordinazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li twaqqfet dan l-aħħar, li hija parti mill-Ministeru tal-Finanzi. Il-maġġoranza tal-korpi ta' implimentazzjoni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri għad iridu jiġu identifikati. F'konformità mal-Artikolu 20(5)(e) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Greċja jenħtieġ li tistabbilixxi kif xieraq is-sistema ta' ġestjoni u kontroll qabel ma tippreżenta l-ewwel talba għall-ħlas lill-Kummissjoni, sabiex tkun konformi mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament. L-RRP jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-proċessi ta' monitoraġġ u rappurtar maħsuba.
- (37) L-istadji importanti u l-miri tal-RRP tal-Greċja jikkostitwixxu sistema xierqa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP. Huma ġeneralment ċari u komprensivi biżżejjed biex jiżguraw li t-tlestija tagħhom tiġi traċċata u vverifikata. Barra minn hekk, l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti u aċċettabbli, billi l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jirrifletti l-oġettiv ġenerali tal-miżuri.

- (38) L-istadji intermedji u l-miri huma wkoll relevanti fil-każ tal-miżuri li diġà huma kompluti, li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-twettiq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji intermedji u miri fuq perjodu ta' żmien huwa meħtieġ sabiex tkun ġustifikata talba għal żborż.
- (39) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-appoġġ finanzjarji skont il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab bl-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ biex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-RRP tagħhom.

Estimi tal-prezzijiet

- (40) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(i) u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni mogħtija fl-RRP dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmata tal-RRP hija moderatament raġonevoli (Klassifikazzjoni B) u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazżjonali mistenni.

¹ Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

- (41) Għe pprovdut tqassim dettaljat tal-ispiża għal kull miżura, bil-metodoloġija tal-ipprezzar tvarja bejn il-miżuri u l-approċċ minn isfel għal fuq huwa l-aktar prevalenti. Għall-maġġoranza sinifikanti tal-miżuri, l-ispejjeż huma vvalutati bħala raġonevoli, plawżibbli, kosteffiċjenti u proporzjonati. L-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP huwa proporzjonat ukoll għall-impatt soċjali u ekonomiku mistenni tal-miżuri previsti u l-ġustifikazzjonijiet ipprovduti għall-valutazzjoni tal-ispejjeż huma b'mod ġenerali suffiċjenti. Għal għadd limitat ta' valutazzjonijiet tal-ispejjeż, l-ispejjeż qabżu l-firxa tal-ispejjeż stabbilita minn proġetti komparabbli sa ċertu punt. Il-valutazzjoni tal-ispejjeż għet iġvalutata minn konsulent estern u approvata mill-Bord Nazzjonali tal-Produttività tal-Greċja. Fl-aħħar nett, l-ispiża totali stmata tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (42) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(j) u mal-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jirrettifikaw korruzzjoni, frodi u kunflitti ta' interess meta jkunu qed jintużaw il-fondi pprovduti fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u minn programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurżaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1).

- (43) Jiġi stabbilit stadju intermedju li jirrikjedi l-istabbiliment tal-mandat legali tal-Kumitat tal-Verifika Finanzjarja u t-twaqqif tas-sistemi ta' kontroll u verifika tal-ġestjoni biex ikunu jistgħu: (a) jiżguraw il-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji intermedji u tal-miri; (b) tippermetti t-tnejn ta' dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u s-sommarju tal-awditjar kif ukoll it-talbiet għal pagament u (c) tistabbilixxi l-proċeduri meħtieġa biex tinġabar u tinħażen data dwar il-benefiċjarji, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u s-sidien benefiċjarji f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/241 għall-ewwel talba għall-pagament sat-30 ta' Settembru 2021. Jenħtieġ li jsir rapport ta' verifika ddedikat dwar l-għamla tas-sistema. Ir-rapport jenħtieġ li janalizza kwalunkwe dgħufija relatata misjuba u azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati.

(44) Is-sistema ta' kontroll u verifika żviluppata mill-Greċja hija mfassla b'mod koerenti biex tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2021/241. Is-sistema ta' kontroll intern hija bbażata fuq proċessi u strutturi robusti: ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi għall-kontrolli u l-awditi huma ċari, il-funzjonijiet ta' kontroll rilevanti huma segregati b'mod xieraq u l-indipendenza tal-atturi li jwettqu l-awditi hija żgurata. Il-Kumitat tal-Awditjar Finanzjarju jwettaq awditi biex jivverifika jekk il-korpi ta' implimentazzjoni li għandhom iwettqu l-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti approvati jwettqux proċeduri biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi previsti skont ir-Regolament (UE) 2021/241, inklużi arranġamenti mmirati biex jevitaw finanzjament doppju minn programmi oħra tal-Unjoni, kif ukoll il-konformità mar-regoli applikabbli. Kull korp ta' implimentazzjoni jiġi kklassifikat għar-riskju inerenti u ta' kontroll tiegħu u l-Kumitat tal-Awditjar Finanzjarju jistabbilixxi l-prijoritajiet tal-awditjar tiegħu fuq il-bażi tal-ordni tar-riskju. Il-finanzjament doppju skont ir-Regolament (UE) Nru 2021/241 u programmi oħra tal-Unjoni huwa evitat permezz ta' diversi livelli ta' kontrolli. L-awdituri ċċertifikati indipendenti jenħtieġ li jivverifikaw il-korpi ta' implimentazzjoni, responsabbli għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tar-riformi u l-investimenti. L-Aġenzija ta' Koordinazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija inkarigata bil-koordinazzjoni u l-monitoraġġ ġenerali tal-RRP u tikkostitwixxi l-punt uniku ta' kuntatt bejn l-awtoritajiet Griegi u l-Kummissjoni. It-talbiet għal pagament jenħtieġ li jiġu ppreżentati mill-Aġenzija ta' Koordinazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza lill-Kummissjoni Ewropea fuq bażi semiannwali, wara verifika tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni tal-RRF, akkumpanjati mid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u s-sommarju tal-awditi mwettqa mill-Kumitat tal-Verifika Finanzjarja. Huwa antiċipat li l-atturi responsabbli għall-kontrolli għandu jkollhom is-setgħa legali u l-kapaċità amministrattiva biex jeżerċitaw ir-rwoli u l-kompiti tagħhom.

- (45) Il-Greċja indikat li qed tiġi żviluppata għodda tal-IT għall-ġestjoni u r-rappurtar tal-istadji importanti u l-miri sabiex jiġu ssodisfati rekwiżiti speċifiċi ta' ġestjoni u rappurtar deskritti fl-RRP. Skont l-Artikolu 20(5)(e) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Greċja jenħteġ li timplimenta din il-miżura sabiex tikkonforma mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament.

Koerenza tal-RRP

- (46) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(k) u mal-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

- (47) Ir-riformi u l-investimenti ppreżentati fl-RRP Grieg huma komplementari għal xulxin. Huma bbażati fuq pjan ta' tkabbir komprensiv, li jiżgura l-koerenza tiegħu u jikkontribwixxi lejn żvilupp ekonomiku intelliġenti, inklużiv u sostenibbli fil-futur. L-erba' pilastru ewlenin tal-RRP, jiġifieri (a) it-tranżizzjoni ekoloġika, (b) it-trasformazzjoni diġitali, (c) l-impjiegi, il-ħiliet u l-koeżjoni soċjali, u (d) l-investiment privat u t-trasformazzjoni tal-ekonomija, huma interkonnessi haġna u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Dawn jinkludu miżuri relatati mat-trasformazzjoni diġitali, li huma faċilitaturi ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika u ċirkolari tal-ekonomija Griega. Bl-istess mod, l-inklużjoni ta' kriterji relatati mal-klima u s-sostenibbiltà mill-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika hija mistennija li ssaħħa l-iskjerament ta' teknoloġiji diġitali u tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-pilastru diġitali. L-investimenti strateġiċi fi proġetti diġitali multinazzjonali u teknoloġiji emerġenti huma mistennija li jgħinu fil-kisba tal-iskala u l-interoperabbiltà. It-tielet pilastru huwa mistenni li jiżgura li t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi jkunu ġusti fis-soċjetà Griega kollha billi tingħata prijorità lill-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli, it-titjib tas-sistema edukattiva u l-ħiliet, u l-għoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-kura soċjali ta' kwalità għolja u effettivi. Ir-raba' pilastru għandu l-għan li jimmobilizza l-investiment privat u pubbliku biex jagħti spinta lill-kompetittività, jappoġġa l-produttività u t-tkabbir fit-tul u joħloq impjiegi ġodda, filwaqt li jstabbilixxi wkoll oqfsa istituzzjonali, li huma mistennija li jippermettu li sseħħ it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika fil-Greċja.

Ugwaljanza

- (48) L-RRP fih sensiela ta' miżuri li huma mistennija jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Dawn jinkludu riformi mmirati u investimenti fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet, is-saħħa u l-koeżjoni soċjali. Il-persuni qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni mingħajr dar, il-persuni bi sfond etniku minoritarju, il-migranti u l-persuni li jfittxu ažił, u l-persuni li jgħixu f'faqar estrem huma fost il-benefiċjarji. Il-pjan għandu wkoll l-għan li jippromwovi l-għarfien tad-diversità fis-settur privat u pubbliku u li jsaħħaħ il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ. F'termini ta' ugwaljanza bejn is-sessi, L-RRP fih għadd ta' miżuri biex jippromwovu l-parteciġipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol inkluż permezz ta' sussidji mmirati għall-impjiegi u programmi ta' titjib tal-ħiliet u billi jespandu l-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal. Barra minn hekk, ħafna miżuri oħra li ma jinmirawx b'mod espliċitu għall-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs, jinkludu aspekk ta' ugwaljanza. Matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-RRP, jenħtieġ li jiġi ggarantit il-għir ta' data diżaggregata skont il-ġeneru u l-isfond etniku sabiex jiġu evalwati u segwiti aħjar tal-kwistjonijiet li jolqtu l-ugwaljanza.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (49) L-RRP jinkludi awtovalutazzjoni tas-sigurtà għall-investimenti fil-kapaċitajiet diġitali u l-konnettività. Fir-rigward tal-investimenti fil-konnettività u b'mod partikolari fin-networks 5G, l-RRP jidentifika l-kwistjonijiet ta' sigurtà rilevanti u r-riskji assoċjati u jidentifika l-miżuri ta' mitigazzjoni li għandhom jiġu ppromulgati għal kull wieħed minnhom fuq il-bażi tal-kriterji oġġettivi komuni inklużi fis-sett ta' għodod tal-UE għaċ-Ċibersigurtà tan-networks 5G.

Proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed

- (50) L-RRP jinkludi diversi proġetti transfruntiera u multinazzjonali, prinċipalment fil-pilastru diġitali. Hemm proġetti ta' investiment b'dimensjoni diġitali, bħall-investiment tal-“kuriduri 5G”, li huma mistennija wkoll li jappoġġaw il-kuridur transfruntier Salonika-Sofija-Belgrad u l-investiment tas-“satelliti żgħar” li huwa mistenni li jiżgura l-interoperabbiltà mal-inizjattiva tal-Infrastruttura Ewropea ta' Kommunikazzjoni *Quantum* (EuroQCI). Barra minn hekk, il-proġett ta' investiment tal-“Kejbils tal-fibra sottomarina” huwa mistenni li jappoġġa l-installazzjoni ta' kejbils tal-fibra sottomarini biex il-Greċja kontinentali tiġi interkonnessa mal-gżejjer tagħha u ma' Ċipru. L-RRP jinkludi wkoll l-investiment f'sistema ġdida ta' computing ta' prestazzjoni għolja (l-aġġornament ta' waħda mill-Infrastrutturi Nazzjonali għar-Riċerka u t-Teknoloġija) u l-interkonnessjoni tagħha mas-superkompjuters tal-EuroHPC, kif ukoll il-ħolqien ta' Ċentru ta' Operazzjonijiet taċ-Ċibersigurtà nazzjonali u n-networking tiegħu ma' ċentri simili ta' Stati Membri oħra. L-RRP jiżviluppa ulterjorment il-qafas tas-Servizzi tal-Infrastruttura tad-*Data* Komuni Ewropea u l-Provvista tal-Infrastruttura u s-Servizzi Ċentrali tal-Cloud Computing.

Proċess ta' Konsultazzjoni

- (51) L-RRP jinkludi taqsima ddedikata li tiddekrivi l-proċess ta' konsultazzjoni, li sar qabel il-preżentazzjoni tal-RRP lill-Kummissjoni. L-RRP jelenka wkoll il-partijiet interessati li ġew ikkonsultati bejn Lulju 2020 u April 2021 u pprovda kontribut għat-tħejjija tiegħu, inklużi rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-industrija u assoċjazzjonijiet ekonomiċi oħra, NGOs u msieħba soċjali ewlenin. L-RRP jsemmi wkoll eżempji ta' rakkomandazzjonijiet ta' riformi u investimenti li ġew aċċettati għat-tħejjija tiegħu. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha kkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP.

Valutazzjoni pożittiva

- (52) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP tal-Greċja bis-sejba li l-pjan jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-forma ta' appoġġ finanzjarju u ta' self li ma jitħallasx lura.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (53) L-ispiża totali stmata għall-RRP tal-Greċja hija ta' EUR 31 164 331 515. Billi l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE)2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) ta' dak ir-Regolament u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Greċja, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP tal-Greċja tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Greċja.
- (54) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Greċja għandu jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li ammont għall-Greċja li ma jaqbiżx il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 11(1), punt (a), ta' dak ir-Regolament isir disponibbli għal impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Fejn meħtieġ wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jemenda din id-Deċiżjoni biex tinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, mingħajr dewmien żejjed.
- (55) Barra minn hekk, sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, il-Greċja talbet għal appoġġ fil-forma ta' self. Il-valur massimu tas-self mitlub mill-Greċja ma jaqbiżx is-6,8% tad-dħul nazzjonali gross tal-2019 fi prezzijiet kurrenti. L-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għall-Greċja u l-appoġġ għas-self mitlub.

- (56) L-appoġġ li għandu jingħata għandu jiġi ffinanzjat mis-self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053¹. L-appoġġ jenħteġ li jitħallas f'pagamenti parzjali ladarba l-Greċja tkun issodisfat b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP.
- (57) Il-Greċja talbet prefinanzjament ta' 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja u ta' 13 % tas-self. Dan l-ammont jenħteġ li jsir disponibbli għall-Greċja soġġett għad-dħul fis-seħħ u skont il-ftehim ta' Finanzjament previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 ("il-ftehim ta' finanzjament") u l-ftehim ta' self previst fl-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament ("il-ftehim ta' self").
- (58) Jenħteġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura marbuta mal-ġoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni għajr għall-Faċilità jew għal proċeduri marbuta ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Hija ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP tal-Greċja fuq il-bażi tal-kriterji pprevisti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti għall-għoti ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-data sottostanti rilevanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċizzjoni.

Artikolu 2
Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Greċja kontribuzzjoni finanzjarja, fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura, li tammonta għal EUR 17 769 942 602¹. L-ammont ta' EUR 13 515 279 418 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-Greċja li tkun ugwali għal EUR 17 769 942 602 jew aktar, għandu jkun disponibbli ammont ieħor ta' EUR 4 254 663 184 biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-Greċja li tkun anqas minn EUR 17 769 942 602, id-differenza bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u l-ammont ta' EUR 13 515 279 418 għandha tkun disponibbli biex tiġi legalment impenjata f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2021/241 mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lill-Greċja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 2 310 092 538 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament, ugwali għal 13% tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali jistgħu jiġu żborżati mill-Kummissjoni f'segment wieħed jew aktar. Id-daqs tas-segmenti jenħtieġ li jkun suġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ u skont il-ftehim ta' finanzjament. Il-prefinanzjament għandu jiġi kklerjat billi jitnaqqas proporzjonalment mill-pagament tal-ħlasijiet parzjali.
4. Ir-rilaxx ta' pagamenti parzjali skont il-Ftehim ta' Finanzjament għandu jkun kondizzjonali fuq il-finanzjament disponibbli u fuq deċiżjoni tal-Kummissjoni, meħuda skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Greċja tkun issodisfat b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex tkun eliġibbli għal pagament, il-Greċja għandha tilħaq l-istadji importanti u l-miri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 3
Appoġġ għas-self

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Greċja self li jammonta għal massimu ta' EUR 12 727 538 920.
2. L-appoġġ għas-self għandu jkun disponibbli mill-Kummissjoni lill-Greċja fi ħlasijiet parzjali skont l-Anness għal din id-Deċizzjoni. Ammont ta' EUR 1 654 580 060 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament, ugwali għal 13% tas-self. Il-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali jistgħu jiġu żborżati mill-Kummissjoni f'segment wieħed jew aktar. Id-daqs tas-segmenti jenħtieġ li jkun suġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ u skont il-ftehim ta' self. Il-prefinanzjament għandu jiġi kklerjat billi jitnaqqas proporzjonalment mill-pagament tal-ħlasijiet parzjali.
4. Ir-rilaxx ta' pagamenti parzjali skont il-Ftehim ta' Self għandu jkun kondizzjonali fuq il-finanzjament disponibbli u fuq deċizzjoni tal-Kummissjoni, meħuda skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Greċja tkun issodisfat b'mod sodisfaċenti l-istadji intermedji u l-miri addizzjonali koperti mis-self u identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex tkun eliġibbli għal pagament, il-Greċja għandha tilħaq l-istadji importanti u l-miri addizzjonali koperti mis-self sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026.

Artikolu 4

Indirizzat tad-Deċiżjoni

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi...

Għall-Kunsill

Il-President
